MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 600/2004

**SMS Insurance Agency Ltd ghan-nom tas-socjeta estera Ecclesiastical Insurance Office plc kif surrogata fil-jeddijiet ta' l-assigurat taghha Marvin Szczepanski**

**vs**

**Rita Gauci**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Marzu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u sebgha u tletin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm437.34) rapprezentanti danni fuq vettura TFH 577, li thallsu mis-socjeta attrici bhala socjeta assiguratrici, wara incident awtomobilistiku fil-post u data ndikati, meta l-imsemmija vettura habtet ma' vettura FBL 302 misjuqa mill-

konvenuta ghall-liema ncident tahti unikament l-istess konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-21 ta' Novembru 2003 (Dok A), ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Frar 2004 (Dok B), ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ai fini tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta (Dok C) u bl-imghax dekoribbli skond il-ligi sa l-effettiv pagament.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u sebgha u tletin lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm437.34) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Frar 2004 u tal-ittra ufficjali prezentat kontestwalment ma' l-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------